MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 735/2006

**Attard Marina**

**Vs**

**Agius Emilio**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erbghin Liri Maltin u tmenin centezmi (LM40.80) rapprezentanti bilanc in kwantu ta' tletin Lira u tmenin centezmi (LM30.80) dovut mill-istess konvenut lil Marina Attard bhala arretrati ta' seba' snin cens fuq il-fond 'Lolyville' u zewg garages bl-isem 'Doris' u 'Anton' fi Triq Mater Boni Consigli, Paola, liema cens hija bir-rata ta' LM4.40 fis-sena u kwantu ghal ghaxar Liri (LM10.00) bhala spejjez ta' ittra legali u li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes  u imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut minn Dr Claudine Zarb ipprezenat fit-2 ta' Novembru, 2006;

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta  l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------